MALTA

# QORTI TAL-APPELL

## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 20/2020 LM

**Ruth Bugeja (K.I. 399379M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat, **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), tat-12 ta' Ġunju, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru laqa' l-appell tar-rikorrenti, hawnhekk "l-appellata" **Ruth Bugeja (K.I. 399379M)**, in segwitu

għad-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali intimat fil-konfront tagħha, permezz ta' ittra datata l-31 ta' Lulju, 2019, li hija mhijiex eliġibbli għall-pensjoni għal invalidità.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti ressqet appell quddiem l-Arbitru wara li b'ittra datata l-31 ta' Lulju, 2019, hija ġiet infurmata li ma kinitx intitolata għal pensjoni għal invalidità għaliex hija ma kinitx qiegħda taħdem bħala impjegata jew għal rasha, immedjatament qabel issottomettiet l-applikazzjoni tagħha għall-pensjoni għal invalidità *ai termini* tal-artikolu 26(1)(ċ) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li f'każ li hija ma kinitx taqbel mad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat, hija kellha dritt tappella quddiem l-Arbitru, kif fil-fatt għamlet.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat permezz ta' ittra miktuba mill-Konsulent Dr Joseph Spiteri, li spjega li r-rikorrenti għamlet xi żmien ma taħdimx għaliex kienet għamlet perijodu ma tiflaħx qabel applikat għall-pensjoni għal invalidità. Kienet din ir-raġuni għalfejn ir-rikorrenti la kienet qiegħda taħdem u lanqas kienet qiegħda tirreġistra għal impjieg alternattiv. Ir-rikorrenti spjegat li hija waqfet mill-impjieg waqt li kienet tqila b'tewmin, li twieldu f'Mejju tal-2015.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2020, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b'dan il-mod:

*"Illi dan huwa appell magħmul għal deċiżjoni tad-DSS li permezz tagħha ddikjara li l-appellanta ma kinitx intitolata għall-pensjoni kontributorja u dan għaliex ma kienetx taħdem immedjatament qabel ma ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha għall-Pensjoni tal-Invalidità skont l-Artikolu 26(1)(ċ) tal-Kap. 318.*

*Illi l-appellanta intavolat l-appell tagħha fejn issottomettiet ir-raġuni l-għala ma kinitx taħdem kienet li għamlet perijodu ma tiflaħx u ma kinitx taħdem. Fil-fatt l-appellanta ppreżentat sett ta' ċertifikati li jkopri l-perijodu minn Jannar 2018 sas-seduta. Dan isaħħaħ dak allegat minnha li filfatt kienet għaddejja minn problemi ta' saħħa.*

*Illi fil-fatt l-appellanta għandha problema ta' saħħa mentali kif jidher miċ-ċertifikat datat 7 ta' Jannar, 2020. Ir-raġel tal-appellanta spjega l-problemi li għandha l-appellanta u ċioe d-dipressjoni akuta li kompliet tiżdied minn meta tilfu t-tarbija u minn meta twelditilhom tifla bl-ispina bifida.*

*Min-naħa tiegħu d-DSS ippreżenta nota fejn fiha hemm indikat li l-aħħar impjieg tal-appellanta kien f'Awwissu 2014.*

*Jibda biex jiġi rilevat illi jkun aħjar f'dawn iċ-ċirkostanzi li d-DSS jippreżenta ittra formali minn Jobs+ bl-*employment history *tal-appellant jew appellanta, milli nota miktuba mill-istess DSS, billi fl-umli fehma tal-Arbitru din ma tikkostitwixxix l-aħjar prova għax mhux dokument uffiċjali tal-entità li tipprovdi r-reġistrazzjoni tal-impjiegi u l-individwi.*

*L-artiklu 26(1)(ċ) jgħid hekk: "... qabel ma seħħet l-inkapaċità tagħha kif imsemmi hawn qabel, hija kienet impjegata full-time jew impjegata part-time b'mod regolari jew taħdem għaliha nnifisha għal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar, jew kienet sussegwentement reġistrata fir-Reġistru miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, dik il-persuna kienet hekk reġistrata għal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar."*

*Il-kliem ċavetta għal dan il-każ huma "qabel ma seħħet l-inkapaċità". Illi hawnhekk wieħed irid jinterpreta l-motiv wara l-għażla ta' dawn il-kliem. Id-DSS qed jinterpreta*

*dawn il-kliem billi jinftehmu li biex wieħed japplika għal din it-tip ta' pensjoni kien ikun impjegat eżatt qabel ma applika.*

*Il-liġi ma tispeċifikax jekk l-applikant għandux ikun impjegat preċiżament qabel ma għamel it-talba imma li l-applikant kien impjegat qabel ma għamel it-talba u jkun impjegat għall-inqas għal perijodu ta' 12-il xahar. Anki dan il-perijodu, wieħed ma jistax jinterpretah li għandhom ikunu 12-il xahar interrotti u konsekuttivi billi l-liġi tgħid biss li għandu jkun perijodu ta' 12-il xahar.*

*F'dan il-każ, id-DSS stess ipproduċa evidenza li turi li l-appellanta kienet fil-fatt impjegata għal perijodu li jkopri aktar minn 12-il xahar. Hija waqfet mix-xogħol minħabba l-marda tagħha. Fil-fatt hija ilha taħt il-kura psikjatrika u effettivament id-DSS mhux jikkontesta illi ma tikkwalifikax taħt is-sub-inċiżi (a) u (b) tal-artikolu 26 tal-Kap. 318.*

*Għal dawn il-motivi l-appell qed ikun milqugħ."*

## L-Appell

5. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fid-29 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tat-12 ta' Ġunju, 2020, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tal-31 ta' Lulju, 2019. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

L-appellant jgħid li hu jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tiegħu dan wasal għal deċiżjoni bbażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi.

6. L-appellant spjega li l-appellata applikat għall-pensjoni għal invalidità fil-5 ta' Ġunju, 2019, u wara li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għamel l-evalwazzjoni ta' din l-applikazzjoni, huwa ma kienx sodisfatt li l-appellata kienet konformi mal-kriterji kollha tal-liġi sabiex tkun eliġibbli għall-pensjoni

ta' invalidità. L-appellant qal li wara li informa lill-appellata bid-deċiżjoni tiegħu, din ressqet appell quddiem l-Arbitru, fejn issottomettiet li hija kienet fuq *sick leave* għal perijodu ta' żmien qabel applikat għall-pensjoni għal invalidità, u għalhekk ma kinitx f'pożizzjoni li tirreġistra għax-xogħol.

7. L-appellant qal li s-subartikolu 26(1)(ċ) tal-Kap. 318 jgħid illi:

> "1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna għandha tkun intitolata għal Pensjoni għal Invalidità jew għal Pensjoni Miżjuda għal Invalidità jew għal Pensjoni Minima Nazzjonali skont l-artikolu 50 jew għal Pensjoni Minima Nazzjonali Garantita skont l-artikolu 50A, kif ikun il-każ, b'waħda mir-rati speċifikati fit-Tnax-il Skeda jekk:
> ...
> (ċ) Qabel ma seħħet l-inkapaċità tagħha kif imsemmi hawn qabel, hija kienet impjegata *full-time* jew impjegata *part-time* b'mod regolari jew taħdem għaliha nnifisha għal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar, jew kienet sussegwentement reġistrata fir-Reġistru miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, dik il-persuna kienet hekk reġistrata għal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar."

8. L-appellant jagħmel riferiment għal deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-13 ta' Marzu, 2009, fl-ismijiet **Georgina Cilia *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, li huwa jgħid li hija rilevantissima għall-mertu odjern, fejn il-Qorti spjegat li l-artikolu 26(1) tal-Kap. 318 huwa intiż sabiex joffri assistenza soċjoekonomika lil persuni, kemm dawk subordinati kif ukoll dawk *self-employed,* minħabba inkapaċità li timpedihom milli jkomplu jkunu attivi fid-dinja tax-xogħol. Il-Qorti żiedet tgħid li sabiex jiġi determinat jekk persuna għandhiex dritt għal din ix-xorta ta' pensjoni, irid jiġi determinat jekk il-persuna kinitx effettivament fl-impjieg qabel ma ssopravjeniet l-inkapaċità li rrendietha inabbli għax-xogħol, b'dan illi, anki jekk il-persuna ma kinitx

qiegħda taħdem b'mod attiv, irid jiġi determinat li din almenu kienet qiegħda tirreġistra għall-impjieg. Il-Qorti spjegat fid-deċiżjoni tagħha li r-raġuni għal dan hija li l-pensjoni għal invalidità għandha sservi biex tagħmel tajjeb għat-telf ta' dħul jew qligħ riżultat tal-inkapaċità. Fil-każ li jagħmel riferiment għalih l-appellant, il-Qorti ddeċidiet li l-applikanta ma kellhiex jedd għal tali pensjoni għaliex fit-tnax-il xahar ta' qabel hija ma kinitx f'impjieg u lanqas ma jirriżulta li kienet qed tirreġistra bit-tama ta' impjieg. Lill-Qorti rriżultalha li t-talba tal-applikanta ma setgħetx tintlaqa' għaliex din ma kinitx impjegata *full-time* jew *part-time,* u lanqas ma kienet reġistrata fl-Ewwel Parti tar-Reġistru għal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar. L-appellant qal li minn qari ta' din id-deċiżjoni għandu jirriżulta li sabiex persuna titqies eliġibbli għall-pensjoni għal invalidità, din trid tkun jew impjegata *full-time* jew *part-time* għal perijodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar immedjatament qabel isseħħ l-inkapaċità tagħha, jew inkella tkun ilha tirreġistra għax-xogħol għal perijodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar immedjatament qabel isseħħ l-inkapaċità tagħha.

9. L-appellant qal li għalhekk l-Arbitru ma kienx korrett meta kkonsidra li l-perijodu ta' tnax-il xahar inkwistjoni m'għandhomx għalfejn ikunu tnax-il xahar interrotti[1] u konsekuttivi, u li biex wieħed jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-artikolu, kulma jrid jipprova huwa biss li l-persuna kienet impjegata għal perijodu kumplessiv ta' tnax-il xahar qabel seħħet l-inkapaċità. L-appellant qal li huwa evidenti minn qari tal-liġi, li l-perijodu ta' tnax-il xahar li wieħed irid jikkonsidra għall-fini ta' interpretazzjoni ta' din il-liġi, huwa dak

[1] Din il-Qorti hija tal-fehma li l-użu ta' dan it-terminu mhux wieħed korrett, u aktarx li l-Arbitru u l-appellant hawnhekk riedu jgħidu 'ininterrotti' jew 'mhux interrotti'.

immedjatament anteċedenti għal meta seħħet l-inkapaċità. Żied jgħid li l-istħarriġ tal-Arbitru għandu jkun dwar jekk l-appellata fil-fatt kinitx qiegħda taħdem jew tirreġistra għax-xogħol fil-perijodu ta' tnax-il xahar immedjatament qabel seħħet l-inkapaċità tagħha. Kompla jgħid li għalhekk huwa irrilevanti dak li kkonsidra l-Arbitru li l-appellata tul is-snin, kienet impjegata għal perijodu komplessiv ta' aktar minn tnax-il xahar, għaliex dak li jgħodd huwa biss il-perijodu ta' tnax-il xahar qabel seħħet l-inkapaċità tal-appellata li rrendietha mhux tajba għax-xogħol. L-appellant qal ukoll li l-appellata ma ġabet l-ebda prova sodisfaċenti li fil-perijodu ta' tnax-il xahar immedjatament qabel seħħet l-inkapaċità tagħha, hija kienet qiegħda taħdem jew tirreġistra għax-xogħol. Żied jgħid li l-oneru tal-prova dwar meta seħħet l-inkapaċità tal-appellata kien jinkombi fuqha, bħala l-applikanta għall-benefiċċju. Qal li f'dan il-każ, l-unika prova prodotta mill-appellata kienet sensiela ta' ċertifikati mediċi li jkopru l-perijodu mit-18 ta' Jannar, 2018 sat-23 ta' Jannar, 2020, u ċertifikat mediku tal-Psikjatra Joseph S. Spiteri tas-7 ta' Jannar, 2020. L-appellant qal li dan l-aħħar ċertifikat mediku jispjega li l-appellata kienet ilha tbati minn kundizzjoni medika għal sitt snin, għalkemm mhux ċar din il-kundizzjoni x'inhi. Qal li f'dan iċ-ċertifikat imkien ma ntqal li l-appellata ilha sitt snin ssofri minn inkapaċità li taħdem, jew li din il-kundizzjoni li qiegħda ssofri minnha rrendietha inkapaċi li taħdem sitt snin qabel sar iċ-ċertifikat. L-appellant qal li miċ-ċertifikat ma jirriżultax eżatt minn meta l-appellata ma kinitx kapaċi taħdem. Qal li ċ-ċertifikati mediċi prodotti kienu biss għas-sentejn li jippreċedu l-aħħar seduta li saret quddiem l-Arbitru, u minkejja li ċ-ċertifikat tal-psikjatra jiċċertifika li l-appellata ilha tbati mill-kundizzjoni tagħha għal sitt snin, ma jistax jintqal b'ċertezza li l-kundizzjoni tagħha

irrendietha inkapaċi milli taħdem sitt snin qabel sar dan iċ-ċertifikat. Kompla jgħid li kien jinkombi fuq l-appellata li ttella' lill-psikjatra jixhed dwar id-data eżatta meta hija ma kinitx kapaċi taħdem, imma dan m'għamlitux. L-appellant qal li quddiem l-Arbitru ġie ppruvat biss li l-appellata ma kinitx f'kundizzjoni li taħdem fil-perijodu ta' bejn it-18 ta' Jannar, 2018 u t-23 ta' Jannar, 2020, u dan minħabba li ċ-ċertifikati mediċi prodotti kienu jkopru biss dan il-perijodu. Kompla jgħid li mill-*employment history* tal-appellata jirriżulta li l-aħħar impjieg tagħha kien intemm fit-18 ta' Awwissu, 2014.

10. L-appellant għamel riferiment għall-konsiderazzjoni tal-Arbitru li fiċ-ċirkostanzi kien ikun aħjar li kieku d-Dipartiment ippreżenta ittra formali minn JobsPlus bl-*employment history* tal-appellata, għaliex fil-fehma tiegħu l-informazzjoni li jkollu d-Dipartiment ma tikkostitwixxix l-aħjar prova, peress li din ma kinitx dokument uffiċjali tal-entità inkarigata mir-reġistrazzjoni tal-impjiegi. Imma l-appellant qal li ma kienx jinkombi fuqu li jippreżenta informazzjoni dwar l-impjiegi, passati jew kurrenti, tal-appellata. Qal li l-oneru tal-prova li l-appellata kienet fl-impjieg fl-aħħar tnax-il xahar qabel seħħet l-inkapaċità, kien fuqha u għalhekk kien jinkombi fuq l-appellata li ġġib prova kuntrarja għal dik li ressaq id-Direttur Ġenerali appellant. L-appellant qal li waqt ix-xhieda tagħha, l-appellata ammettiet li hija kienet waqfet mix-xogħol waqt it-tqala tagħha, jiġifieri matul id-disa' xhur ta' qabel Mejju tal-2015, li huwa x-xahar meta welldet lil uliedha tewmin. Qal li dan jikkombaċja mal-prova li ġab id-Dipartiment dwar l-aħħar impjieg tal-appellata, peress li d-data meta hija ħadmet l-aħħar, f'Awwissu tal-2014, tiġi bejn wieħed u ieħor disa'

xhur qabel hija welldet lil uliedha tewmin. L-appellant qal li minn dan għandu jirriżulta li l-informazzjoni li tressqet minnu hija waħda korretta.

11. L-appellant żied jissottometti li peress li l-artikolu 26(1)(ċ) tal-Kap. 318 jagħmel użu mill-konġunzjoni 'jew' u mhux 'u', l-appellata setgħet tressaq il-prova li fit-tnax-il xahar qabel seħħet l-inkapaċità tagħha, hija kienet qiegħda tirreġistra għax-xogħol. Żied jgħid li minkejja li dan l-oneru kien fuq l-appellata, hija ma tressqet l-ebda prova dwar dan. L-appellant qal li l-fatt li l-appellata ammettiet li hija kienet għamlet żmien fuq *sick leave* qabel applikat għall-pensjoni għal invalidità, ifisser li hija ma kinitx kapaċi tirreġistra għax-xogħol, u li dan jammonta għal ammissjoni li l-appellata ma kinitx qiegħda tirreġistra għax-xogħol. Qal li minn dan kollu għandu jirriżulta li l-appellata għamlet żewġ ammissjonijiet, li l-aħħar impjieg li kellha kien waqt id-disa' xhur tat-tqala tagħha, u li hija ma kinitx qiegħda tirreġistra għax-xogħol. Żied jgħid li kif ġie deċiż mill-Qrati tagħna drabi oħra, f'każijiet bħal dawn l-ammissjoni hija l-prova reġina u għaldaqstant hija biżżejjed biex il-każ jingħalaq. L-appellant qal li ladarba ma setax jiġi stabbilit u lanqas ma ġie ppruvat meta l-appellata ġiet reża inkapaċi milli taħdem, ma setax jiġi stabbilit jekk hija kinitx qiegħda taħdem jew tirreġistra għax-xogħol fit-tnax-il xahar qabel seħħet l-inkapaċità tagħha, u għalhekk l-Arbitru ma seta' qatt jasal għall-konklużjoni li l-appellata kienet tissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 26(1)(ċ) tal-Kap. 318.

12. L-appellant żied jgħid li l-osservazzjoni li għamel l-Arbitru li d-Dipartiment mhux jikkontesta l-fatt li l-appellata ma tikkwalifikax taħt is-sub-inċiżi (a) u (b) tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 318, ma tagħmilx sens, għaliex is-sub-

inċiżi (a), (b), (ċ) u (d) tal-artikolu 26(1) huma kollha magħquda permezz tal-konġunzjoni 'u' mhux 'jew', u għalhekk dawn ir-rekwiżiti kollha jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun meqjusa eliġibbli għal pensjoni għal invalidità. Żied jgħid li f'każ li waħda minn dawn ir-rekwiżiti ma tiġix sodisfatta, dan ikun biżżejjed biex persuna titqies li mhijiex eliġibbli għal pensjoni għal invalidità. L-appellant qal li l-fatt li persuna ma tkunx kapaċi taħdem għal mhux inqas minn sitt xhur li jiġu minnufih qabel it-talba tagħha għal din il-pensjoni skont is-sub-inċiż (a) u l-fatt li l-istess persuna tkun meqjusa inkapaċi li taħdem b'mod permanenti jew għal numru ta' snin skont is-sub-inċiż (b), bl-ebda mod ma jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li persuna kienet qiegħda taħdem jew tirreġistra għax-xogħol fit-tnax-il xahar qabel seħħet l-inkapaċità tagħha. Kompla jgħid li għalhekk l-osservazzjoni tal-Arbitru hija skorretta għaliex sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, dan naqas milli japplika l-liġi bil-mod kif kien tenut li jagħmel.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. Fir-risposta tagħha l-appellata qalet li d-deċiżjoni tal-Arbitru tat-12 ta' Ġunju, 2020 hija ġusta u timmerita konferma, apparti li a tenur tal-artikolu 109.2 tal-Kap. 318 jidher li l-appell ġie intavolat *fuori termine*, fid-29 ta' Lulju, 2020. L-appellata spjegat li hija kienet għamlet madwar għoxrin sena tal-ħajja lavorattiva tagħha taħdem f'kumpanniji privati tal-manifattura. Spjegat li meta kienet iżgħar fl-età hija kellha infezzjoni li ħallietha ssofri minn debilità fis-smigħ, u għalhekk kellha problemi biex titgħallem l-iskola. Qalet li minkejja dan, hija xorta waħda għamlet snin twal taħdem. Kompliet tgħid li

eventwalment hija ħarġet tqila wara li għamlet il-proċedura tal-IVF, u matul dan il-perijodu hija esperjenzat kumplikazzjonijiet. Spjegat li meta welldet lil uliedha tewmin, wieħed minnhom twieled paralizzat u bla sensi mill-qadd 'l isfel, u minħabba f'hekk kellhom isiru diversi interventi fuq it-tarbija. L-appellata spjegat ukoll li dawn l-esperjenzi wassluha biex tibda tbati minn problemi ta' natura psikjatrika.

14. L-appellata qalet li huma skorretti s-sottomissjonijiet tal-appellant li biex persuna tikkwalifika għall-pensjoni ta' invalidità trid tkun ilha f'impjieg għal tnax-il xahar preċiżament qabel ma ġiet intavolata l-applikazzjoni. Żiedet tgħid li in linea mal-massima *ubi lex voluit dixit,* ma jirriżultax li l-interpretazzjoni li qiegħda tingħata mill-appellant hija dik li ried il-leġiżlatur. Spjegat li l-liġi tgħid li f'każ ta' marda timpedixxi lill-applikant milli jaħdem, l-applikant għandu jkun affett minn din il-marda għal mhux inqas minn sitt xhur li jiġu minnufih qabel it-talba, kif ukoll li fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imħallsa sabiex wieħed jikkwalifika għall-ħlas tal-benefiċċju, il-leġiżlatur speċifika ukoll ġurnata li tiġi minnufih qabel it-talba tal-applikant. B'riferiment għall-kweżit tat-tnax-il xahar impjieg jew reġistrazzjoni, l-appellata tgħid li l-leġiżlatur fl-artikolu 26(1)(ċ) tal-Kap. 318 jgħid biss li dawn iridu jkunu qabel ma seħħet l-inkapaċità. Żiedet tgħid li hija ma tistax tifhem għaliex l-appellant qiegħed jagħti din l-interpretazzjoni jew jikkonkludi li l-kweżit ta' tnax-il xahar impjieg kellu jkun immedjatament qabel tkun ġiet intavolata l-applikazzjoni, għaliex dan imkien ma jissemma fid-dispożizzjoni tal-liġi ċċitata mill-appellant in sostenn tad-deċiżjoni tiegħu. Qalet li l-uniku kweżit huwa li l-inkapaċità kellha tipperdura għal sitt xhur skont is-sub-inċiż preċedenti. L-appellata qalet li anki f'każ li l-

inkapaċità tipperdura għal tal-inqas sitt xhur qabel ma ġiet intavolata l-applikazzjoni, liema inkapaċità tkun tali li tipprekludi lill-applikant milli jaħdem, ikun kontrosens li wieħed jippretendi li bl-inkapaċità skont it-termini tal-liġi l-applikant ikun baqa' jaħdem sal-ġurnata meta intavola l-applikazzjoni, għaliex f'dak il-każ ma jkun hemm inkapaċità xejn. Qalet ukoll li fil-każ tagħha, wara ħajja lavorattiva twila, hija baqgħet tittama li l-kundizzjoni medika li impedietha milli tkompli taħdem, kienet waħda temporanja, u għalhekk għamlet l-almu tagħha sabiex tipprova tegħleb il-kundizzjoni medika li ħakmitha. L-appellata kkonkludiet li fil-każ tagħha ġie ppruvat li hija ħadmet għal tal-anqas tnax-il xahar matul ħajjitha, li fil-preżent qiegħda tbati minn kundizzjoni medika, u li hija kienet ilha affettwata minn din il-kundizzjoni medika għal tal-anqas sitt xhur qabel intavolat l-applikazzjoni għall-benefiċċju.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li d-Direttur Ġenerali appellant, permezz ta' nota tat-30 ta' Settembru, 2020, spjega li d-deċiżjoni tal-Arbitru waslet għand id-Dipartiment permezz tal-posta reġistrata fit-30 ta' Ġunju, 2020, u għalhekk għandu jirriżulta li ladarba l-appell ġie intavolat fid-29 ta' Lulju, 2020, dan sar entro t-terminu ta' tletin ġurnata stabbilit bl-artikolu 109 tal-Kap. 318. Il-Qorti għalhekk tqis li l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellata fir-risposta tagħha, ma ssibx sostenn fil-fatti kif ġraw, għaliex l-appell intavolat mid-Direttur Ġenerali appellant ġie intavolat fit-terminu preskritt mil-liġi.

16. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mid-Direttur Ġenerali appellant, fil-kuntest tad-deċiżjoni tal-Arbitru u tal-fatti li wasslu għall-vertenza odjerna. Sabiex tagħmel dan, il-Qorti ħadet konjizzjoni tax-xhieda li nstemgħu quddiem l-Arbitru, kif ukoll tal-provi ppreżentati quddiemu.

*L-aggravju ewlieni: applikazzjoni żbaljata tal-liġi*

17. L-appellant jgħid li l-Arbitru għamel interpretazzjoni skorretta tas-sub-inċiż 26(1)(ċ) tal-Kap. 318, għaliex il-leġiżlatur ried li biex persuna tkun intitolata għall-pensjoni ta' invalidità, din trid tkun fl-impjieg jew qiegħda tirreġistra għall-impjieg fl-aħħar tnax-il xahar immedjatament qabel seħħet l-inkapaċità li rrendiet il-persuna inkapaċi li taħdem. Jgħid li ladarba ma ġietx stabbilita d-data meta l-applikanta ma kinitx kapaċi taħdem, ma jistax jiġi stabbilit li hija kienet qiegħda taħdem jew tirreġistra fit-tnax-il xahar ta' qabel. L-appellant jgħid ukoll li l-appellata naqset meta ma ħarrkitx lill-psikjatra kuranti tagħha bħala xhud, u kien jinkombi fuqha l-oneru tal-prova li hija tissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 26 (1)(ċ) tal-Kap. 318.

18. Il-Qorti tqis li l-ebda wieħed mill-partijiet ma ressaq bħala prova l-*employment history* tal-appellata, sabiex jiġi stabbilit jekk din waqfitx mill-impjieg, u meta. L-appellant però ppreżenta dokument li jelenka l-postijiet tax-xogħol fejn ħadmet l-appellata, għalkemm dan id-dokument ma jinkludix dettalji bħar-raġunijiet għalfejn l-appellata telqet mill-impjiegi li kellha, bħalma jkun fiha l-*employment history* maħruġa mill-JobsPlus, jew jekk hi rriżenjatx

mill-aħħar impjieg li kellha u meta seħħ dan. Jirriżulta wkoll li fuq iċ-ċertifikati tal-mard maħruġa minn Dr Joseph Spiteri, ippreżentati mill-appellata bħala prova quddiem l-Arbitru, Dr Spiteri indika li l-appellata hija 'disimpjegata', u li għalhekk fl-2018, is-sena ta' meta nħareġ l-ewwel ċertifikat esebit, l-appellata ma kinitx qiegħda taħdem. F'wieħed miċ-ċertifikati rilaxxati minn Dr Spiteri, spjega wkoll li l-appellata ma kinitx qiegħda tirreġistra għall-impjieg, u hija ma setgħetx tagħmel dan ladarba kienet fuq '*sick leave*'.

19. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ ġie ppruvat li l-appellata ilha diversi snin afflitta minn kundizzjonijiet ta' natura psikjatrika, li intensifikaw wara t-twelid ta' wliedha tewmin, partikolarment wara li ġie stabbilit li wieħed minnhom għandu bżonnijiet speċjali. Mill-provi quddiem l-Arbitru ġie stabbilit li wlied l-appellata twieldu f'Mejju tal-2015, u qabel ma nqabdet tqila, l-appellata kienet għamlet il-proċedura tal-IVF. Imma mhuwiex ċar jekk kinux il-kumplikazzjonijiet li l-appellata kellha fit-tqala li wasslu biex hija waqfet mill-impjieg li kellha ma' kumpannija tal-manifattura. Ġie ppruvat ukoll li l-appellata ħadmet għal diversi snin, u għamlet ferm aktar minn tnax-il xahar fl-impjieg tul il-ħajja lavorattiva tagħha. Mill-provi miġjuba mill-appellata, senjatament iċ-ċertifikat mediku rilaxxat mill-konsulent psikjatriku tagħha, jirriżulta li qabel ressqet l-applikazzjoni tagħha quddiem l-appellant, hija kienet ilha madwar sitt snin issofri minn episodji ta' skizofrenija li rrendewha inkapaċi li taħdem. Dan il-perijodu ta' żmien jikkombaċja maż-żmien meta l-appellata waqfet taħdem fl-aħħar impjieg li kellha. Il-Qorti tqis li anki jekk fl-agħar ipotesi għall-appellata, tabilħaqq jeżisti r-rekwiżit tal-impjieg jew tar-reġistrazzjoni għal impjieg fit-tnax-il xahar qabel wieħed japplika għall-pensjoni

ta' invalidità, kif qiegħed jikkontendi l-appellant, l-appellata fil-fatt tissodisfa dan ir-rekwiżit għaliex skont iċ-ċertifikat rilaxxat mill-konsulent psikjatriku Dr Joseph Spiteri fis-7 ta' Jannar, 2020, l-appellata kienet ilha ssofri minn kundizzjonijiet psikjatriċi għal sitt snin, jiġifieri mill-2014, filwaqt li mill-provi jirriżulta li din waqfet mill-impjieg f'Awwissu tal-2014. Il-Qorti tqis ukoll li dak li qiegħed jikkontendi l-appellant ma ġiex ippruvat, billi ma jirriżultax li l-appellata għamlet perijodu ta' tnax-il xahar wieqfa mill-impjieg, bejn id-data meta ġie stabbilit li hija qiegħda ssofri minn kundizzjoni li rrendietha inkapaċi milli taħdem, u d-data tal-aħħar impjieg tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**